# Bħal-lum...




# sena ilu

Bħal kull storja jew rakkont, il-ġrajja tal-lum tibda bil-frażi *'Mela... Darba waħda...'*

**Dan għaliex darba waħda, ftit sigħat qabel nofs il-lejl tal-Ħamis, 26 ta' Lulju 1928 l-aqwa plejers tal-waterpolo Malti ta' dak iż-żmien inġabru fix-Xatt tal-Belt x'aktarx fin-naħa tad-Dwana lil hinn minn Victoria Gate sabiex ma' uffiċjali tal-Kumitat Olimpiku ta' Malta jħallu pajjiżna fi triqithom lejn Amsterdam. Dan għaliex wara li fil-5 ta' Ġunju 1928 ġie ffurmat uffiċjalment il-Kumitat Olimpiku, Malta ġiet aċċettata sabiex tieħu sehem fid-IX Olimpjadi ta' l-era moderna f'Amsterdam.**

Abbord il-bastiment S.S. Lubiana li kellu bħala aġenti ewlenin lill-kumpanija Gasan ta' 20, Strada Reale, Valletta, immexxija mis-Segretarju Ġenerali tal-Kumitat Olimpiku s-Sur Paolo Giorgio kien hemm il-plejers Frans Nappa – Valletta United – goal keeper , Victor F. Busietta – Banks , Carmel 'Meme' Busietta – captain (Malta Eastern Club) – centre half , Eddie Magri – University S.C, Henry Bonavia – Sliema United , R. Vella – Valletta United – centre forward , Lawrence A. Darmanin – Sliema United, Turu Rizzo – Sliema United , R.Fiorini Lowell – Banks , Victor J.Pace – Banks - kif wkoll il-Kaptan Ugo Sammut bħala interpretu u E.Busietta bħala fiżjoterapista.

Peress li f'pajjiżna ma kien hawn ebda pixxina bl-ilma ħelu għal dawn il-plejers, it-taħriġ bi tħejjija għall-Olimpjadi sar f'vaska li tinsab fuq wara tal-ġonna fil-Kunvent tal-Patrijiet Dumnikani fir-Rabat. Il-qies tal-vaska kien ta' 20 pied bi 15 -il pied. Xejn iżjed u xejn anqas u li fiha kienu jitħarġu 10 plejers.

X'seħħ eżatt bejn Jannar u Lulju 1928 sabiex Malta setgħet tieħu sehem fid-IX Olimpjadi ta' Amsterdam u biex pajjiżna jkun konformi mat-talbiet tal-Kumitat Olimpiku Internazzjonali li dak iż-żmien kellu bħala President lil Henri de Baillet Latour tal-Belġju?

Kellu qabel xejn ikun iffurmat il-Kumitat Olimpiku ta' Malta. Wara talba minn Amsterdam fil-25 ta' Mejju u invit li ntbgħat l-għada b'telegramm kien jinħtieġ li Malta jkollha Kumitat Olimpiku. Dan twaqqaf u l-ewwel laqgħa saret fil-5 ta' Ġunju f'numru 153, Strada Żekka fil-Belt Valletta, fl-uffiċċju fejn dak iż-żmien kien jintuża mill-Malta Football Association. Eletti f'dik l-ewwel laqgħa kienu s-sinjuri Anthony Cassar Torreggiani – President, Paolo Giorgio – Segretarju Ġenerali u

Teżorier, B.W Cordwell – Viċi President, H.W Jones, J.H Gracey, L.J Clark, R. Flores , E. Xuereb u Kaptan H.Briffa – Membri.

F'ittra li fid-9 ta' Ġunju 1928 dehret fil-ġurnal *The Daily Malta Chronicle* li iżda ġġib id-data tal-4 ta' Ġunju lejliet il-ġurnata li fiha saret l-ewwel laqgħa uffiċjali tal-Kumitat Olimpiku ta' Malta u fejn fost affarijiet oħra intqal " And then it might well be that one day we hear the judges proclaim Malta as the proud winners of the world's water-polo championship. The bands play, our flag is hoisted on the Grand Stand and from the crowd there rises cheer after cheer for our country."

Konvinzjoni mill-poplu Malti li bit-twaqqif tal-KOM seta' jasal is-suċċess. Fit-13 ta' Ġunju, fl-istess ġurnal deher appell ta' Paolo Giorgio bħala Segretarju u Teżorier sabiex iħeġġeġ lil kull ċittadin jagħti l-għajnuna meħtieġa biex il-kontinġent seta' jmur l-Olanda. Fl-istess waqt filwaqt li jagħmel riferenza li l-*Amateur Swimming Association* kienet twaqqfet fl-1925 taħt il-Presidenza ta' l-Onorevoli Edgar Bonavia kien f'Jannar 1928 li l-A.S.A affiljat mal-*Federation Internationale De Natation Amateur (FINA)* u kien b'rieħet din l-affiljazzjoni li Malta ingħatat id-dritt li tieħu sehem fid-IX Olimpjadi f' Amsterdam.

Fis-16 ta' Ġunju 1928 the Daily Malta Chronicle ħabbar li fl-Assemblea, l-Onorevoli Roger Strickland kien staqsa jekk il-gvern kienx lest li jagħti xi tip ta' għajnuna. L-istess Strickland saħaq dwar kif il-Bureau tat-Turiżmu setgħa jgħin b'mod li bis-saħħa tal-parteċipazzjoni fl-Olimpjadi jikber it-turiżmu lejn Malta. Ma jonqosx li fl-istess waqt saret ukoll riferenza li l-gvern għandu jagħti għajnuna finanzjarja lil Turu Rizzo li dak iż-żmien kien qiegħed iħejji biex jaqsam il-kanal.

Il-Kumitat Olimpiku ta' Malta beda bil-ġbir ta' fondi fil-ġimgħa qabel id-19 ta' Ġunju, dan għaliex dakinhar fil-ġurnal *Daily Malta Chronicle* deher l-ewwel rendikont ta' ġbir li kien ilaħħaq l-£ 22.18s 0d . Dan ir-rendikont baqa' jkun ippubblikat kull ġimgħa fl-istess ġurnal.



**L-istadium Olimpiku ta' Amsterdam waqt ic-Cerimonja tal-Ftuħ. Malta tasal tard u ma tkunx prezenti għac-cerimonja fl-edizzjoni tad-debutt**



**Il-kontingent Malti mal-wasla tiegħu fil-kapitali Olandiza flimkien ma hostesses u ufficjali tal-Kumitat Olimpiku ta' Malta**



Fl-Assemblea Leġiżlattiva d-dibattitu dwar jekk Malta kelliex tieħu sehem fl-Olimpjadi kien fl-aqwa tiegħu. Tressqet petizzjoni lil Gvernatur, Sir John Du Cane, biex tirrakkomanda li tingħata għotja ta' £ 100 biex Malta tipparteċipa. Il-mozzjoni kienet proposta mill-Onorevoli Anthony Montano mill-Partit Kostituzzjonali u ssekondata minn Roger Strickland (PK) b'appoġġ tal-Professur Augustus Bartolo min-naħa tal-gvern ċentrali. L-Oppożizzjoni Nazzjonalista ddeċidiet li ma tivvutax.

Fis-26 ta' Ġunju f'ittra ffirmata minn A.Cassar Torregiani u P.Giorgio bħala President u Segretarju tal-KOM dawn għamlu riferenza li l-pubbliku ma tantx għen fl-għotjiet tiegħu minkejja li kien għad fadal sat-12 ta' Lulju sabiex seta' jagħmel dan.

Id-dibattitu fl-Assemblea Leġiżlattiva saħan bil-bosta. Mas-sospensjoni tar-regolamenti kien mill-ġdid Anthony Montano li ressaq mozzjoni sekondata minn Roger Strickland biex ikun xi jkun l-atteġġjament tal-oppożizzjoni l-għotja ta' £ 100 tingħata.

L-akbar oppożizzjoni kienet ġejja mill-Monsinjur Enrico Dandria tal-Partit Nazzjonalista li qal li qatt ma kien se jbiddel fehmtu biex tingħata għajnuna mill-gvern u staqsa x'għamel il-gvern biex il-Waterpolo Association tingħata għarfien lil Malta bħala *Dominion*.

Dr.Carmelo Mifsud Bonnici qal li għall-oppożizzjoni l-aħjar li jjagħmlu kien li jastjenu. F'reazzjoni għal dan minn Dr.Eric Parnis, huwa stqarr li l-oppożizzjoni ma kelliex il-kuraġġ tgħid li kienet kontra l-mozzjoni. Il-ġbir fost il-pubbliku sat-28 ta' Ġunju kien ilaħħaq £ 51.17s 0.

Fis-6 ta' Lulju 1928 tħabbar uffiċjalment mill-KOM illi l-ispiża tal-kontingent lejn Amsterdam kienet tlaħħaq £ 400 u li minnhom sa dakinhar kienu nġabru biss madwar £180 li kienu jinkludu l-£ 100 mgħotija mill-gvern Malti.

Dan kollu iżda kien qajjem interess kbir f'pajjiżna tant li fl-10 ta' Lulju ġie ppublikat l-istatut ta' l-assoċjazzjoni l-ġdida ta' l-isport, l-All Malta Association. L-għan ta' din l-assoċjazzjoni kien li jkun hawn politika ta' l-isport fejn fuq kollox kull assoċjazzjoni jkollha rikonoxximent mill-gvern.

Mhux hekk biss iżda talli tablet illi dan iwassal ukoll għad-dħul ta' l-isport f'materji parlamentari. Fl-istess waqt għandu jkun hemm fond għall-isport u li jsiru kuntatti ma' timijiet u atleti mir-Renju Unit u mill-kontinent sabiex dawn jilgħabu kontra l-aħjar atleti Maltin. Ġie ssuġġerit li dan isir mill-Kumitat Olimpiku aktar milli minn xi persuna oħra.

Fl-10 ta' Lulju tħabbar li filwaqt li l-ġbir fost il-pubbliku kien laħaq is-somma ta' £ 99.5s 2d, il-plejers li kienu se jmorru Amsterdam kienu se joħorġ u £ 50 bejniethom. Sa l-24 ta' Lulju, ftit ġranet il-bogħod mit-tluq, is-somma telgħet għal £ 137. 13s 2d.

U filwaqt li l-President tal-KOM, Anthony Cassar Torreggiani kien ħalla Malta qabel il-kontinġent, nhar il-Ħamis, 26 ta' Lulju abbord il-vapur S.S Lubiana, ħalla Malta l-kontinġent Malti mmexxi mis-Segretarju Ġenerali tal-KOM, Paolo Giorgio.

Fl-istess waqt l-ASA bagħtet messaġġ lit-tim Malti li parti minnu kien jaqra hekk " The Association wishes to impress upon you all, that the honour of Malta will be in your keeping to uphold, not only on the field of sports but by your every action and demeanour on the journey up, during your sojourn at Amsterdam and on the return journey".

Sat-30 ta' Lulju s-somma miġbura fost il-pubbliku telgħet għal £ 158. 14s 2d. Sadanittant



**Paolo Giorgio – l-ewwel Segretarju Generali u Tezorier**



**Anthony Cassar Torreggiani – l-ewwel President tal-Kumitat Olimpiku**



**Il-vaska li ghadha tezisti fil-Kunvent tad-Dumnikani fir-Rabat u li fiha qabel marru Amsterdam kienu jittrenjaw il-plejers**

ir-rotta lejn Amsterdam kienet waħda twila għall-aħħar. Minn Malta l-kontinġent mar Sirakuża fejn wasal fis-sebgħa ta' filgħodu, minn hemm qabdu ferrovija lejn l-istazzjon ta' Catania minn fejn qabdu ferrovija oħra għal Ruma, minn hemm għal Milan fejn komplew bir-rotta lejn Basle fl-Isvizzera qabel marru Brussels. Fl-1 ta' Awissu fi Brussels il-kontinġent ingħata l-aħbar li erba' t'ijiem wara kellu jilgħab kontra l-Lussemburgu fl-ewwel partita tiegħu fl-Olimpjadi. Fit-3 ta' Awissu minn Brussels il-kontinġent wasal Amsterdam bit-tren fid-disgħa u erbgħin minuta ta' filgħaxija.

F'Amsterdam it-tim Malti sab jistennieh lis-Sur Constant Boissevant li kien maħtur mill-organizzaturi bħala attaché għal Malta u mis-sur Cassar Torreggiani. Mill-istazzjon tal-ferrovija il-plejers Maltin abbord seba' vetturi Studebaker ittieħdu madwar il-kapitali li kienet imżejjna minħabba għeluq snin ir-Reġina ta' l-Olanda. Minn hemm il-kontinġent tpoġġa fil-Dar Olimpika.

Il-Ħadd, 5 ta' Awissu it-tim Malti ddebutta kontra l-Lussemburgu. Kienet l-ewwel darba għal plejers Maltin li lagħbu fl-ilma ħelu kif jixhed rapport li deher fil-11 ta' Awissu. F'partita ikkontrollata minn M.Blitz tal-Belġju, wara 6 minuti logħob il-Lussemburgu fetħu l-iskor permezz ta' Standt iżda 1 minuta u 10 sekondi wara minn azzjoni ta' Meme Busietta kien Henry Bonavia li għamel l-iskor 1–1. Matul it-tieni taqsima wasal goal mill-isbaħ meta minn azzjoni tas-centre forward R.Vella, l-ballun spiċċa għand is-centre half Meme Busietta li xeħet lejn Eddie Magri li għamel l-iskor 2–1. Fis-6 minuta għal foul favur Malta kien R.Vella li għamel l-iskor finali 3–1 għall-Maltin. Rapporti ta' din il-logħba dehru fil-ġurnali Olandiżi De Couraut u Maandagmorgen.

Fl-istess ġurnata l-President tal-KOM, A.Cassar Torreggiani kien fost il-mistiedna għal pranzu mgħoti mir-Reġina ta' l-Olanda.

Dan ir-riżultat żied l-interess fost il-pubbliku u sa l-14 t'Awissu l-għotjiet telgħu għal £ 174. 16s 2d u dawn baqgħu jinġabru mill-Kaptan H.Briffa minn tas-Sliema.

Fis-7 t'Awissu f'partita kkontrollata minn A.Delahaye tal-Belġju, it-tim Malti tilef 0–16 kontra Franza, fejn f'telegram lil Lord Strickland, A.Cassar Torreggiani kien informa li f'kundizzjonijiet diffiċli u b'għadd ta' riżervi Malta tilfet 0–16. F'din il-partita t-tim Malti lagħab mingħajr Bonavia u Magri. Ġie rrapurtat li fi tmiem il-partita Brig. Gen.Kentish daħal fid-dressing room tat-tim Malti u feraħ lit-tim Malti li minkejja t-telfa kbira l-goalkeeper kien dejjem daħkan filwaqt li skond hu l-Maltin lagħbu qishom l-Ingliżi.

Minkejja din it-telfa skond il-Bergvall System ta' Repechage, Malta kellha tilgħab kontra l-Istati Uniti ta' l-Amerika bir-rebbieħa jilgħabu kontra Franza għal midalja tal-bronż. Fit-8 t'Awissu it-tim Malti tilef 0–10 kontra l-Istati Uniti ta' l-Amerika, li min-naħa tagħhom tilfu 1–2 kontra Franza fil-finali għat-tielet post. Il-midalja tad-deheb in trebħet mill-Ġermanja li għelbet 5–2 lill-Ungerija.

Il-kontinġent ħalla Amsterdam fil-11 t'Awissu u rritorna Malta fis-17 ta' l-istess xahar, fejn fl-istess ġurnata f'*The Daily Malta Chronicle* deher rapport ta' l-10 t'Awissu li fih saret ukoll analiżi ta' dak li kien seħħ fl-ewwel parteċipazzjoni olimpika. Irriżulta li Magri u Bonavia ma setgħux jilgħabu aktar wara l-ewwel partita. Dan għaliex Magri kien ilu ibgħati minn nevralġija għal aktar minn sentejn, għaldaqstant intbgħat għand dentist li skopra li kellu uħud minn snienu ħżiena. Bonavia bagħta minn widnejh u sar magħruf li kellu tonsilli kbar. Skond it-tobba dawn qatt ma messhom marru Amsterdam u fl-Olanda ma kellhomx jitħallew jilgħabu. Fl-istess rapport jingħad li r-riżervi kienu bla użu għaliex Rizzo minkejja li kien għawwiem tajjeb ma kienx jara mill-bogħod u Pace kien ta' piż ħafif. Intqal li hemm bżonn ta' programm ta' taħriġ u dieta tajba, immexxija minn kowċ li jaf jara li l-logħba tintlgħab kif suppost.

Fatt ieħor kurjuż huwa li wara xahar mill-mawra f'Amsterdam, l-għawwiem Turu Rizzo reġa' kien fl-azzjoni. Dan għaliex fl-14 ta' Settembru 1928 kien irnexxielu jagħmel rekord dinji ta' dewmien fil-baħar meta dam 57 siegħa u 17 -il minuta filwaqt li sena wara kien irnexxielu jdum 62 siegħa u minuta.

# Illum nhar is-27 ta' Lulju 2008, eżatt 80 sena wara li l-ewwel Maltin telqu għall-ewwel parteċipazzjoni fl-Olimpjadi, Charles Camenzuli mill-Kumitat Olimpiku Malti, jgħidilna hekk...



Ritratt iffirmat minn Victor J.Pace wara d-debutt ta' Malta kontra l-Lussemburgu fil- 5th August 1928 .Mix-xellug : A. Rizzo, Constant Boissevant (attache') Capt. H.Sammut (mgħotti) Victor J. Pace , F. Cassar Torreggiani, R. Fiorini. Fin-nofs : L.Darmanin, J.Nappa, V.F Busietta. Fuq quddiem : H.Bonavia, C.L. Meme' Busietta, E. Magri u R.Vella



*' Din hija l-aktar ġurnata mportanti fl-istorja ta' l-isport Malti'*

**– Charles Camenzuli**

***Għaddew 80 sena minn dak l-avveniment, għaliex tqis li dik kienet ġurnata memorabbli?***

Jekk il-5 ta' Ġunju 1928 kien jum importanti għax dakinhar saret l-ewwel laqgħa tal-Kumitat Olimpiku Malti, il-lejl ta' bejn il-Ħamis, 27 ta' Lulju u l-Ġimgħa, 28 ta' Lulju kienet il-ġurnata li wittiet it-triq ta' parteċipazzjoni Maltija fl-Olimpjadi. Il-mod u x'wassal sabiex Malta tieħu sehem fid-IX Olimpjadi ta' l-era moderna hija storja li lili taffaxxinani. Naf kollox dwarha minkejja li qatt ma għextha!

***Inti meqjus bħala l-espert dwar l-Olimpjadi u wisq aktar dwar il-parteċipazzjoni Maltija. Għaliex dan l-avveniment laqtek daqshekk?***

Jien dejjem insostni li l-Olimpjadi biex tkun taf x'ifissru trid tgħixhom aktar milli ssegwihom. Kelli x-xorti li bl-Olimpjadi ta' Beijing inwaqqaf rekord għal pajjiżna u nista' wkoll inqis ruħi wieħed mill-ftit li għexu xejn anqas minn seba' edizzjonijiet konsekuttivi ta' l-Olimpjadi. Dak li seħħ fl-1928 huwa mera ta' kif kien pajjiżna dak iż-żmien. Il-ħtieġa u r-rieda qawwija li pajjiżna jsib postu mal-familja Olimpika xprunat ħeġġa f'bosta. Tmenin sena ilu l-ħajja f'pajjiżna kienet differenti. Kien hemm instabilita' politika, ftit benefiċċji soċjali, iżda fuq kollox kien iż-żmien meta l-isport kien żvog għal ħafna. Kienu diġa'saru tmien edizzjonijiet mill-1896 u dak li ma seħħx fi 32 sena, irnexxa lil grupp ta' amministraturi ta' l-isport li rnexxielhom jagħmlu dan fi ftit xhur.

***X'kien hemm iżda li dan l-avveniment ikun uniku fil-mod kif żviluppa?***

F'mumenti ta' riċerka kapaċi npoġġi lili nnifsi f'sitwazzjoni li qatt ma kont. Teorija diffiċli li wieħed jifhem iżda mill-mod kif nibtet l-idea għal mod kif f'nofs il-lejl bejn is-27 u t-28 ta' Lulju ħalla Malta mix-xatt tal-Belt il-bastiment S.S Lubliana bil-kontinġent Olimpiku Malti abbord, kapaċi nirrakkontha daqs li kieku għextha. Meta ddiskutejt dan l-argument ma' l-ex kollega Louis Portelli u ma' l-aħħar plejer tat-tim Malti ta' dak inhar, Victor Pace, wasalt f'konklużjoni li kelli raġun. Ġurnata minnhom saħansitra tlabt lil Patrijiet ta' San Duminku tar-Rabat biex nara għadhiex teżisti il-vaska fejn kienu jitħarrġu l-plejers. Ikkonvinċejt ruħi li kapaċi mmur lura fis-snin. Min hemm qalb ġurnali u dokumenti ta' 80 sena ilu għal post fejn saret l-ewwel laqgħa fi Triq Żekka l-Belt, għad-Dwana minn fejn telaq l-S.S Lubliana. Huma episodji f'kapitli ta' storja ta' l-isport Malti li nħoss li għexthom minkejja li qatt ma kont hemm.

***Il-konklużjonijiet wara dan kollu?***

Huma bosta. L-istess bħal lum, tmenin sena ilu l-poplu Malti beda joħlom li xi darba l-bandiera Maltija titla fuq l-ogħla arblu kif deher f'dik l-ittra fid-*Daily Malta Chronicle* tad-9 ta' Ġunju, jew għal mod kif fl-Assemblea Leġiżlattiva Roger Strickland spjega kif l-isport seta' jkabbar it-turiżmu lejn Malta. Daqstant ieħor mar-ritorn tal-kontinġent beda d-dibattitu li biex isir progress kien hemm il-ħtieġa li ssir pixxina ta' l-ilma ħelu. Kien biss fl-1993 li din saret – 65 sena wara! Bla dubju iżda il-qafas ta' struttura sportiva li deher fl-10 ta'Lulju 1928 u t-twaqqif ta' l-All Malta Association jimmeraviljani. Tmenin sena wara u permezz ta' dak li llum huwa magħruf bħala l-Kunsill Malti għall-iSport u fis-snin 60 kien magħruf bħala n-National Sports Board, l-argumenti u s-suġġerimenti mressqa dak iż-żmien ħafna minnhom għadhom saħansitra jiġu diskussi. Tmenin sena wara għadna niddiskutu l-istess problemi li jinsab fihom l-isport Malti.